MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 2/2021LM

**Henry Schembri**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Busy Bee Retail Limited (C 87629)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Busy Bee Retail Limited (C 87629)** [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tas-6 ta' Mejju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrent **Henry Schembri** [hawnhekk 'l-appellat'], u ordna lis-soċjetà intimata tħallsu lura s-somma ta' €500, li huwa kien ħallas bħala

depożitu għal *'birthday party'* li kien beħsiebu jorganizza, li huwa kien kostrett illi jħassar minħabba r-restrizzjonijiet li kienu saru minħabba l-pandemija tal-COVID-19. It-Tribunal ordna r-rifużjoni ta' dawn il-flus fi żmien ġimgħa mid-data tad-deċiżjoni mogħtija.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent spjega li f'Jannar tal-2020, huwa kien avviċina lis-soċjetà intimata sabiex tipprovvdilu servizzi ta' *catering* ġewwa Torre Paolina, il-Madliena, fid-19 ta' Diċembru, 2020, għal *'birthday party'* f'għeluq it-tmenin sena tiegħu. Qal li dakinhar huwa ħallas depożitu ta' €500, imma la ngħata irċevuta u lanqas intalab jiffirma xi forma ta' kuntratt. Ir-rikorrent qal li dan il-festin kellu jiġi kkanċellat minħabba r-restrizzjonijiet li tħabbru minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u s-soċjetà intimata rrifjutat li tirrifondi dan d-depożitu mħallas minnu.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal u talab li jiġi rifuż il-€500 depożitu li kien ħallas. Is-soċjetà intimata ressqet risposta fejn spjegat li fl-20 ta' Jannar, 2020, hija kienet irċeviet *email* mingħand ir-rikorrent, fejn dan talab *quotation* għal servizzi ta' *catering* għal *'birthday party'* li kien ser isir fid-19 ta' Diċembru, 2020. Qalet li l-*quotation* intbagħtet *b'email,* u wara li din ġiet aċċettata mir-rikorrent, dan kien bagħat *cheque* bid-depożitu ta' €500 bil-posta. Is-soċjetà intimata qalet li fuq il-*quotation* kien hemm miktub ċar li dan id-

depożitu kellu jintilef f'każ ta' kanċellament. Żiedet tgħid li r-rikorrent kien talab li l-festin jiġi kkanċellat minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-Gvern wara li bdiet il-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk kien talab li jingħata d-depożitu lura. Qalet li min-naħa tagħha hija kienet offriet li minflok riċeviment bil-wieqfa, torganizza *'seated function'* kif kien qiegħed isir meta r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 daħlu fis-seħħ. Is-soċjetà intimata spjegat li r-rikorrent m'aċċettax din l-offerta tagħha, u infurmaha li l-festin kien ġie kkanċellat u mhux pospost, għaliex huwa seta' jiċċelebra għeluq sninu darba biss. Żiedet tgħid li hija kienet offriet ukoll li dan il-festin jiġi pospost sakemm jitneħħew ir-restrizzjonijiet, ladarba r-rikorrent baqa' jinsisti fuq riċeviment bil-wieqfa. Qalet iżda li din l-offerta ma ġietx aċċettata mir-rikorrent. Is-soċjetà intimata spjegat li r-restrizzjonijiet li daħlu fis-seħħ minħabba l-COVID-19, ma jgħidux li dawn l-avvenimenti ma setgħux isiru, iżda li setgħu jsiru b'ċerti restrizzjonijiet. Kompliet tgħid li r-rikorrent iddeċieda unilateralment li jikkanċella kollox. Is-soċjetà intimata spjegat li kien sar kuntatt mar-rikorrent *tramite* l-Malta Competition and Consumer Affairs (MCCAA), fejn ġie spjegat li l-pożizzjoni tal-kumpannija ma kinitx ser tinbidel, għalkemm hija kienet disposta li tagħmel laqgħa mar-rikorrent. Spjegat li bħall-maġġoranza tal-operaturi l-oħra f'dan is-settur, sabiex il-kumpannija setgħet tissalvagwardja l-operat tagħha u żżomm l-impjegati, hija ħadet il-pożizzjoni li toffri lill-klijenti tagħha alternattivi oħra sabiex dawn l-avvenimenti jibqgħu jsiru. Is-soċjetà intimata qalet li hija għamlet dak kollu li setgħet sabiex tonora l-impenn li kellha mar-rikorrent, u offrietlu diversi alternattivi. Qalet ukoll li kien ir-rikorrent li għażel li jikkanċella wara li baqa' jinsisti li ried riċeviment bil-wieqfa, imma hija m'għandha ebda obbligu li trodd id-depożitu lura lir-rikorrent.

4. Quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent ikkonferma dak li qal fit-talba tiegħu. Huwa qal li l-ħsieb tiegħu kien li jorganizza festin għal bejn 150 u 180 persuna, ħafna minnhom jgħixu barra minn Malta, u għalhekk meta daħlu fis-seħħ ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19, sab li ħafna mill-persuni li kellhom ikunu mistednin, ma setgħux jiġu minn barra. Qal li s-soluzzjoni offruta lilu mis-soċjetà intimata kienet li jew jipposponi l-festin, jew inkella li jorganizza ikla bin-nies bil-qiegħda. Qal li huwa m'aċċetta l-ebda waħda minn dawn il-proposti.

5. **Stefan Borg**, *Projects Manager* tas-soċjetà intimata, spjega li huma ma setgħux jittrattaw kull każ għalih, għaliex inkella jinħoloq preġudizzju għal klijenti oħra, u għalhekk inħarġet *policy across the board* li min laħaq ħallas depożitu għal xi funzjoni, jiġi offrut alternattiva biex ikun jista' jorganizza l-avveniment li kellu ppjanat. Qal li meta ġew fis-seħħ ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19, id-direzzjoni ma kinitx li tiġijiet ma setgħux isiru, imma dawn kellhom isiru bil-qiegħda. Qal li s-soċjetà intimata ma biddlet xejn mill-kuntratt li kellha mar-rikorrent, u baqgħet disposta li tonora l-ftehim li kellhom il-partijiet bejniethom. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud ikkonferma li l-prezz ta' *sit-down meal* kien ogħla mill-prezz ta' festin bil-wieqfa.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

6. Permezz tad-deċiżjoni appellata tas-6 ta' Mejju, 2021, it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrent, u ordna lis-soċjetà intimata tirrifondi lura d-depożitu ta' €500, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti Henry Schembri spjega s-segwenti:*

- *Illi huwa kien se jorganizza 'birthday party' f'għeluq it-tmenin sena tiegħu u kellem lis-soċjetà intimata biex tipprovdi l-'catering' u ħallas €500 bħala depożitu. Huwa qed jitlob rifużjoni tas-somma ta' €500 minħabba li l-'party' kellu jiġi kanċellat b'riżultat tar-regolamenti maħruġa minħabba l-pandemija u li ma kinux jippermettu li jsir 'party' kif ried ir-rikorrenti;*

*Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata Busy Bee Retail Ltd ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:*

- *Illi r-rikorrenti kien aċċetta l-kwotazzjoni tas-soċjetà intimata u kien ħallas €500 bħala depożitu iżda kien ikkanċella l-'party' wara r-restrizzjonijiet imposti mill-gvern minħabba l-pandemija;*
- *Illi r-rikorrenti ma kienx aċċetta l-offerta li minflok 'party' issir 'a seated function';*
- *Illi d-deċiżjoni li jikkanċella l-'party' kienet biss tar-rikorrenti u għalhekk ma setax jitlob rifużjoni tad-depożitu mħallas;*

1. *Il-Mertu*

   *Illi l-mertu tal-azzjoni jikkonsisti fl-ilment tar-rikorrenti li d-depożitu minnu mħallas għandu jiġi rifuż mis-soċjetà intimata ġialadarba kien kostrett jikkanċella 'l-'party' għal għeluq it-tmenin sena tiegħu wara r-restrizzjonijiet tal-Gvern minħabba l-pandemija Covid-19;*

   *Illi t-Tribunal josserva li r-restrizzjonijiet tal-Gvern saru minħabba s-sitwazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa liema okkażjoni hi waħda eċċezzjonali;*

   *Illi l-kanċellament tal-'party' kien b'riżultat dirett tar-restrizzjonijiet imposti mill-Gvern li dwarhom ir-rikorrenti (u kulħadd) għandu jaderixxi magħhom;*

   *Illi ġialadarba r-rikorrenti ma qabilx li ssir funzjoni differenti minn dik li hu ried u li ġiet maqbula mas-soċjetà intimata, id-depożitu mħallas għandu jiġi rifuż fl-intier tiegħu;*

   *L-opzjoni mogħtija mis-soċjetà intimata għal funzjoni ta' bilqiegħda setgħet isseħħ kieku r-rikorrenti qabel ma' dan;*

   *Decide*

   *Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:*

   i. *Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u Jordna lis-soċjetà intimata Busy Bee Retail Ltd tħallas u tirrifondi lura lil Henry Schembri s-somma ta' €500.00 u dan fi żmien ġimgħa mil-lum.*

*It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mis-soċjetà intimata."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà intimata ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fis-26 ta' Mejju, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-appell u l-aggravji mressqa minnha, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi (CCT/160/20/S).

8. Is-soċjetà appellanta ssostni li d-deċiżjoni appellata tmur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, inkluż il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* u qalet li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi, interpretazzjoni ħażina tal-liġi, u ta deċiżjoni li mhix ekwa u ġusta.

9. Is-soċjetà appellanta ssostni li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra għadd ta' argumenti u sottomissjonijiet li saru minnha, partikolarment fejn it-Tribunal iddeċieda li l-appellat kien kostrett li jikkanċella l-festin. Qalet li fiż-żmien rilevanti ma kien hemm l-ebda projbizzjonijiet fuq avvenimenti tal-massa, u b'hekk ma kien hemm l-ebda ostakolu għall-appellat sabiex isegwi l-obbligi naxxenti mill-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet. Żiedet tgħid li anki f'każ li jirriżulta li l-appellat kien kostrett jikkanċella l-avveniment, il-partijiet kienu ftehmu li d-depożitu kien *non-refundable,* u għalhekk ladarba jirriżulta li l-appellat ikkanċella mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, il-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti, jibqa' li l-vinkolu kuntrattwali bejn il-partijiet għandu jiġi rispettat, u hija l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-ftehim ta'

bejniethom li għandha tiġi osservata – *pacta sunt servanda.* Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba kien ċar li d-depożitu kien wieħed *non-refundable,* il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* kellu jiġi osservat mit-Tribunal b'mod strett.

10. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġijiet li minnhom ħarġu r-restrizzjonijiet tal-COVID-1, u għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta ċaħad l-eċċezzjoni tagħha. Qalet li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta kkonkluda li l-appellat kien kostrett jikkanċella l-festin, u dan in vista tad-diversi avviżi legali taħt il-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta li emendaw ir-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati. Qalet li kemm meta ġew ippreżentati dawn il-proċeduri, u anki fid-19 ta' Diċembru, 2020 meta kellu jsir il-festin, ma kien hemm l-ebda restrizzjoni li setgħet iżżomm lill-appellat milli jkompli bil-pjanijiet oriġinali tiegħu. Qalet li fil-fatt il-projbizzjoni ta' avvenimenti tal-massa bħalma kien qiegħed jippjana l-appellat, daħlu fis-seħħ fil-5 ta' Marzu, 2021 permezz tal-Avviż Legali 78 tal-2021. Qalet ukoll li għalhekk mhux minnu li l-appellat kien 'kostrett' li ma jonorax l-obbligi kuntrattwali tiegħu kif naxxenti mill-ftehim bejn il-partijiet.

11. Is-soċjetà appellanta qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex ekwa u ġusta u timmerita li tiġi revokata, u dan għaliex hija għamlet minn kollox biex tonora l-obbligi tagħha skont il-ftehim bejn il-partijiet. L-appellanta qalet ukoll li bid-deċiżjoni tat-Tribunal qiegħed jinħoloq ukoll preċedent ġdid u inkorrett, speċjalment fi żmien meta ħafna negozji għaddew minn żmien diffiċli. L-appellanta qalet ukoll li l-proċeduri intavolati mill-appellat kienu intempestivi, u dan għaliex ġew ippreżentati fl-10 ta' Novembru, 2020, aktar minn xahar qabel kien ippjanat li jsir il-*'birthday party'* tiegħu, u b'hekk f'dak iż-żmien kien hemm

element ta' inċertezza fir-rigward tar-restrizzjonijiet li kienu ser ikunu fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru, 2020. Qalet li dan kollu jindika li l-appellat ma kkanċellax minħabba li kien kostrett jagħmel dan minħabba fir-restrizzjonijiet, u għalhekk għandu jitlef id-depożitu mħallas minnu, kif jistipula l-ftehim bejn il-partijiet.

12. Il-Qorti ordnat l-isfilz mill-atti tar-risposta tal-appellat għaliex din iddaħħlet *fuori termine.* Il-Qorti iżda semgħet is-sottomissjonijiet *viva voce* li għamlu l-avukati difensuri tal-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkonsidra l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta fl-appell imressaq minnha. Waqt it-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti, l-appellat qajjem il-punt li dan l-appell ma setax jiġi intavolat minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 22(2) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, li jispeċifika li appelli minn deċiżjonijiet bħal dawn jistgħu jsiru biss fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew meta t-Tribunal imur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-appell tagħha huwa msejjes fuq l-aggravju li t-Tribunal bid-deċiżjoni li ta, kiser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, inkluż il-prinċipju tal-*audi alteram partem*, għaliex it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi, għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi, u konsegwentement ta deċiżjoni li mhijiex ekwa u ġusta.

*L-ewwel aggravju:* *[apprezzament ħażin tal-provi]*

14. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex it-Tribunal ikkonkluda li l-appellat kien 'kostrett' li jikkanċella l-festin li kien fi ħsiebu jorganizza. Qalet li dan mhux minnu għaliex fiż-żmien rilevanti ma kien hemm l-ebda projbizzjoni fuq l-avvenimenti tal-massa, u l-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula li d-depożitu mħallas mill-appellat kien *non-refundable.* Is-soċjetà appellanta saħqet li l-vinkolu kuntrattwali li kellhom bejniethom il-partijiet għandu jiġi rispettat, in linea mal-prinċipju *pacta sunt servanda.*

15. Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li ma nġabet l-ebda prova in atti li bejn il-partijiet kien hemm xi forma ta' ftehim bil-miktub li jgħid li d-depożitu mħallas mill-appellat kien *non-refundable.* Il-Qorti tosserva li filwaqt li l-appellat qal li huwa kien bagħat għal *quotation b'email,* u kien ingħata l-informazzjoni bl-istess mezz, is-soċjetà appellanta saħqet li fuq il-*quotation* li ngħata l-appellat kien hemm stipulat b'mod ċar li d-depożitu kien *non-refundable*. Il-Qorti iżda ma sabet l-ebda prova ta' dan fl-inkartament tat-Tribunal. Din il-Qorti tqis illi mill-assjem tal-provi, wieħed ta' bilfors ikollu jasal għall-konklużjoni li l-appellat kien 'kostrett' jikkanċella l-festin li kien beħsiebu jorganizza. Fl-ewwel lok, il-festin in kwistjoni kien maħsub biex l-appellat jiċċelebra għeluq it-tmenin sena tiegħu. Ċertament li okkażjoni bħal din tiġri darba biss f'għomor ta' bniedem, u ma tistax tiġi posposta, kuntrarjament għal avvenimenti oħra, bħal per eżempju t-tiġijiet. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li dan il-festin f'għeluq it-tmenin sena tal-appellat, kien ser jiġi organizzat fi sfond ta' pandemija mondjali, fejn fost dawk l-aktar milquta ħażin kien hemm l-anzjani ta' 'il fuq minn ħamsa u sittin sena. F'Diċembru tal-2020, l-vaċċin kontra l-COVID-19 kien għadu ma bediex jingħata, u persuni tal-età tal-appellat kienu meqjusa bħala persuni vulnerabbli, li

kellhom jieħdu diversi prekawzjonijiet fil-ħajja ta' kuljum. L-appellat spjega li għall-festin huwa kellu numru ta' mistednin li kellhom jiġu Malta minn barra, li imbagħad ma kienx aktar possibbli għalihom li jivvjaġġaw minħabba r-restrizzjonijiet imposti fuq l-ivvjaġġar internazzjonali. Is-soċjetà appellanta tipprova targumenta li l-liġijiet tal-pajjiż fis-seħħ dak iż-żmien ma kinux jipprojbixxu avvenimenti tal-massa, u għalhekk l-appellat seta' jibqa' għaddej bil-pjanijiet tiegħu, jew inkella seta' jagħżel format differenti minn dak oriġinarjament maħsub minnu. Imma dan il-format differenti offrut mis-soċjetà appellanta, kien jiġi jiswa d-doppju tal-prezz oriġinarjament miftiehem bejn il-partijiet[1], u għalhekk apparti il-preokkupazzjoni dwar il-ħarsien tas-saħħa tiegħu, l-appellat ċertament li ħa konsiderazzjoni wkoll ta' din l-ispiża ferm akbar li kien ser ikollu jidħol għaliha jekk jibqa' għaddej bil-pjanijiet tiegħu. Meta tqis dan kollu, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tat-Tribunal, li l-appellat kien 'kostrett' jikkanċella l-festin li kien qed jippjana, m'hemm xejn x'jiġi ċċensurat fiha. Għaldaqstant tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[interpretazzjoni ħażina tal-liġijiet marbuta mal-ħarsien tas-saħħa pubblika]*

16. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġijiet dwar il-ħarsien tas-saħħa pubblika, u dan għaliex fiż-żmien meta kellu jiġi organizzat il-festin, il-liġijiet u r-regolamenti li kienu fis-seħħ ma kinux jipprojbixxu l-organizzazzjoni ta' avvenimenti tal-massa.

[1] Ara x-xhieda ta' Stefan Borg, *a fol.* 7-8.

17. Il-Qorti tqis dan l-aggravju fil-kuntest tar-realtajiet u tal-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri. Irid jingħad li għalkemm huwa minnu li fiż-żmien rilevanti, attivitajiet tal-massa setgħu jsiru, madanakollu dawn setgħu jsiru biss b'ċerti restrizzjonijiet. Dak iż-żmien festini bil-wieqfa, bħal dak li kien qed jippjana l-appellant, ma setgħux isiru, u l-appellant ma kienx qabel mal-idea li l-festin ikun *seated*, aktarx minħabba d-differenza fil-prezz bejn dak ippjanat oriġinarjament u avveniment *seated.* Il-Qorti kkonsidrat ukoll l-età tal-appellat, u l-fatt li dak iż-żmien persuni tal-età tiegħu kienu għadhom qegħdin jistennew li jingħataw il-vaċċin, u kienu qegħdin jieħdu diversi prekawzjonijiet, fosthom li jevitaw attivitajiet soċjali li jlaqqgħuhom ma' ħafna nies. Għaldaqstant, anki jekk kien possibbli li jiġu organizzati attivitajiet tal-massa, ma jfissirx li kien jagħmel sens għall-appellat li jorganizza avveniment b'mijiet ta' persuni sabiex jiċċelebra għeluq it-tmenin sena tiegħu, u dan meta d-dinja kienet għaddejja minn sitwazzjoni daqstant delikata. Din il-Qorti tqis li t-Tribunal m'għamel l-ebda interpretazzjoni ħażina tal-liġi, għaliex ir-regolamenti fis-seħħ fiż-żmien in kwistjoni kienu jippermettu biss ċertu tip ta' attivitajiet, dawk bil-qiegħda, li l-organizzazzjoni tagħhom kienet sejra tfisser żieda sostanzjali fil-prezz a paragun ma' attività *standing*. Dan apparti s-sogru bla bżonn li t-tlaqqigħ ta' ħafna nies f'post wieħed kien ser iġib miegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[deċiżjoni li mhix ekwa u ġusta]*

18. Is-soċjetà appellanta ssostni li d-deċiżjoni appellata mhijiex ekwa u ġusta, u dan għaliex hija għamlet minn kollox sabiex tonora l-obbligi tagħha. Qalet li l-proċeduri ippreżentati mill-appellat kontra tagħha kienu intempestivi, għaliex

dan ressaq l-ilment tiegħu quddiem it-Tribunal ferm qabel ma kellu jiġi organizzat il-festin in kwistjoni, u għalhekk l-appellat kien għadu ma jafx jekk fid-19 ta' Diċembru, 2020, kienx ser ikun hemm restrizzjonijiet fis-seħħ.

19. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għall-konsiderazzjonijiet mogħtija minnha aktar qabel. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni appellata ma kinitx tkun ekwa u ġusta li kieku ġie deċiż li d-depożitu in kwistjoni m'għandux jiġi ritornat lura lil persuna li tgħodd it-tmenin sena, li kienet kostretta tikkanċella l-pjanijiet sabiex tiċċelebra okkażjoni ta' darba, għeluq it-tmenin sena tagħha, minħabba s-sitwazzjoni li kienet fiha d-dinja dak iż-żmien. Għall-Qorti ma kien hemm xejn intempestiv fl-azzjoni mibdija mill-appellat ftit ġimgħat qabel kellu jiġi ċċelebrat dan l-avveniment, għaliex sa minn ferm qabel Diċembru tal-2020, l-indikazzjonijiet kienu li l-vaċċin kontra l-COVID-19 kien sar jasal wara Diċembru, kif fil-fatt ġara, u r-restrizzjonijiet dwar l-ivvjaġġar u dwar avvenimenti bil-wieqfa, kienu sejrin itulu. Fil-fatt kien biss f'dawn l-aħħar ġimgħat li dawn ir-restrizzjonijiet tneħħew għal kollox, u għalhekk ikun ġust u ekwu li quddiem dan ix-xenarju, il-Qorti tiddeċiedi li tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fl-intier tagħha.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**